QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA’ DICEMBRU 2001

Avviz Nru 1898/97DM

Martin Bianco, Carmelo Bianco, Anthony Bianco, Maria Willir martu, Joseph Bianco Avv Noel Bianco, Paola Calleja, Anna Calleja, John Bianco, Paul Bianco, Mario Bianco Vincent Bianco, Filomena Bianco, Gemma Mifsud Bonici, Alfred Bianco, Josephine Lusell Mary Bianco, Doris u Fransina Bianco John Bonaci

vs

Maria Dolores Aquilina, Alfred Bianco u Avv. Dr Philip Manduca bhala prokuratur tal-assenti ta’ Ludovico sive Vido Bianco u u b’digriet ta’ 26 ta’ Mejju 2000 il-gudizzju gie trsfuz fil-persuna ta’ Beverly Lynetta Bianco minflok il-mejjet Ludovico u b’digriet tal-31 ta’ Mejju 2000 gie nominat l-avukat Dr Ludvic Caruana LLD bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill assenti Beverly Lynetta u Maria Bianco

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat min din l-Qorti jizgombraw mill-International Bar, f'Renola Wharf valletta li qedhin jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni. Il-valur lokatizzju ma jeccedix Lm1000 lira Maltin.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal- konvenuti fejn eccepew:

1 Illi fl-ewwel lok hemm bzonn trasfuzzjoni ta' gudizzju billi Ludovico Bianco miet fit-23 ta' Settembru 1996.

2 Illi preliminarjament ukoll din l-Onorabbli Qorti m'hiex kompetenti tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza billi l-konvenut hadu dan il-fond b'titolu ta' kera u ilhom jikru dan il-post mill- atturi u jhallsu l-kera lill-atturi (jew aventi kawza taghhom) ghal almenu 57 sena;

3 Bla pregudizzju ghall premess it-talba attrici hi mpropja gia la darba ma jistax legalment jigi ritenut illi l-okkupazzoni, salv u impregudikat is-suespost hi "minghajr ebda titolu validu skond il-ligi"

4 Illi fil-mertu t-talba tal-atturi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-konvenut ghandhom titilu validu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta' Gustino Aquilina prodott mill-konvenuti illi esebixxa dokumenti rilevanti ghall-kaz.

Min-naha taghhom, l-atturi ma pproducew ebda prova in kontestazzjoni tal-allegazzjoni tal-konvenuti illi huma qedin jippossjedu l-fond in kwistjoni taht titolu ta' kera.

Infatti mill-provi prodotti mill-konvenuti jirrizulta illi l-fond in kwistjoni kien mikri lill Salvatore Bianco sal-1947 u li almenu sal-1992 l-atturi kienu ghadhom jircievu l-kera ta' dan il-fond li kienet qed tithallas min-Nutar Joseph Saydon ghan-nom tal-konvenuti. L-istess Gustino Aquilina iddikjara wkoll illi l-konvenuti odjerni huma fil-fatt id-dixxendenti ta' Salvatore Bianco ossia huma ulied l-istess Salvatore Bianco illi huma intitolati anke li jkomplu fil-lokazzjoni bl-operat tal-ligi.

Ghaldaqstant jirrizulta  ampjament ippruvat illi l-antenat tal-konvenuti kellu titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond in kwistjoni li huwa fond kummercjali u ghaldaqstant il-konvenuti kienu intitolati bl-operat tal-ligi illi jkomplu b'din il-lokazzjoni u ghalhekk ma jirrizultax dak li qed jallegaw l-atturi illi l-pusses tal-konvenuti huwa bla titolu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ticchad it-talba  attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ24